MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2007

Talba Numru. 1903/2005

**Talba Nru: 1903/05VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Michael Cardona (Id. 149073M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ mija u erba u erbghin liri Maltin u erba u erbghin centezmu (Lm144.44c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21421812, skond diversi

kontijiet mibghuta lil-konvenut, li gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut jhallas is-somma ta' mija u erba u erbghin liri Maltin u erba u erbghin centezmu (Lm144.44c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------